SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif. Nru. Minuti 3/K6/08**

**Is-Sebgħa laqgħa Pubblika 2008 – Paceville (Hamlet)**

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 24/08/'08 232**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 24/08/'08 285**

1.01 Il-Kunsill Lokali San Ġiljan żamm is-Sebgħa Laqgħa Pubblika – Paceville (Hamlet), skond kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar il-Ħamis 24 ta' April 2008.

1.02 Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Erbgħa Kunsilliera flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani.

1.04 Skużati: Il-Kunsillier Ronald Agius.

1.05 Assenti: Il-Kunsilliera Irene Borg u Richard Scicluna.

1.06 Preżenza tal-pubbliku: disgħa (9)

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 47A (8) ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Il-pubbliku ġie nfurmat illi minħabba li l-Kunsill għadu kemm ġie elett u għadhom ma ngħatawx il-karigi l-ġodda, ser jippresiedi l-laqgħa l-Kunsillier Edgar Montanaro, peress illi fil-Kunsill preċedenti kellu l-kariga li jieħu ħsieb Paceville Hamlet.

1.08 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppresieda l-laqgħa u beda billi ta' merħba lil dawk preżenti u ta rendikont fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2007/08 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2008/09 (kopja tar-rapport mehmuż).

## 2 Suġġerimenti / Ilmenti

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn is-suġġerimenti / ilmenti:-

- Isiru Bus Shelters fil-bus stops li hemm fi Triq id-Dragunara u fil-Bajja ta' San Ġorġ u tiżdied il-frekwenza tal-Karozza tal Linja Nru. 66;

- Ħdejn il-Marco Polo Restaurant fi Triq id-Dragunara hemm letter box li għanda bżonn titneħħa għax imkissra u ma tintużax;

- Il-funtana li hemm quddiem il-Burger King fi Triq San Ġorġ għandha bżonn titnaddaf u ssirilha manutenzjoni regolarment;

- Il-Bring-in-Sites li hemm taħt l-art fi Triq Elia Żammit huma *eye sore* u hemm bżonn li jitnaddfu aktar spiss;

- Fi Triq il-Knisja quddiem id-dar 'Doris' u f'Paceville Avenue ħdejn il-ħanut The Money Saver hemm żewġ spralli maqsumin u hemm rieħa qawwija ta' drenaġġ;

- Inġibdet l-attenzjoni li l-magazine tal-Kunsill ma tqassamx fi Triq Santu Wistin u fi Triq Paceville;

- Ġie ssuġġerit li r-*residential parking* jiġi estiż għall Triq Santu Wistin;

- Għandu jiġi rispettat il-ħin ta' meta għandu jieqaf id-daqq tal-mużika fil-bars;

- Hemm bżonn li terġa' tinżebgħa ż-żebra crossing ta' ħdejn La Maltija Restaurant fi Triq il-Knisja;

- Il-Kunsillier Norman Vella ġie skużat fis-7.10p.m;

- Hemm bżonn li f'Paceville jkun hemm aktar sorveljanza tal-pulizija;

- Saret talba sabiex fi Triq id-Dragunara ssir parking bay oħra għal persunui b'diżabilita'.

2.02 Iċ-Chairman irringrazzja lill-pubbliku preżenti u temm il-laqgħa fis-7.30p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |